**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 426/2018 MS*

**A & A Blasting Services Limited**

**Vs.**

**Unique Turnkey Limited ġja Unique Construction & Developers Limited**

Illum, 7 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fl-4 ta' Mejju 2018, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> ILLI s-soċjeta' Attriċi pprestat u eżegwit diversi xogħlijiet ta' blasting, galvanising u painting, lis-Soċjeta' Konvenuta u dan kollu fuq inkarigu mogħti lilha mill-istess Soċjeta' Konvenuta, u di fatti kif kien miftiehem, ħarġu numru ta' invoices miġbura fi statement hawn anness u mmarkat

bħala Dokument "A" u liema invoices qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti "B1" sa "B143";

ILLI mill-bilanċ pendenti dovut lis-soċjeta' Attriċi hekk kif indikat fl-istatement u cioe' dak ta' sitta u disgħin elf, erba' mija u disa' u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€96,479.30) is-soċjeta' Konvenuta, ħallset parti minn din is-somma u cioe' tnejn u għoxrin elf u tlett mitt ewro (€22,300) in konnessjoni max-xogħlijiet de quo;

ILLI għalhekk is-Soċjeta' Konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta Attriċi fis-somma komplessiva ta' erbgħa u sebgħin elf, mija u disgħa u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€74,179.30) inkluż il-VAT, rappreżentanti x-xogħolijiet reżi u eżegwiti;

ILLI dan id-debitu huwa dejn ċert, likwidu u dovut u s-Soċjeta' Attriċi tiddikjara li sa fejn taf hi s-Soċjeta' Konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq għat-talbiet tas-soċjeta Attriċi;

ILLI għaldaqstant jeżistu u huma pjenament sodisfatti l-elementi u r-rekwiżiti kollha rikjesti mil-liġi a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

ILLI Alex Aquilina għan-nom tas-Soċjeta' Attriċi jiddikjara illi jaf personalment b'dawn il-fatti;

ILLI s-Soċjeta' Konvenuta debitament interpellata baqgħet inadempjenti;

ILLI għalhekk kellha ssir din il-kawża.

issoktat billi talbet lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tas-soċjeta' Attriċi bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' Konvenuta għandha tħallas lis-soċjeta' Attriċi s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, mija u disgħa u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€74,179.30) rappreżentanti x-xogħlijiet reżi u eżegwiti;

3. Tikkundanna lis-soċjeta' Konvenuta tħallas lis-soċjeta Attriċi s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, mija u disgħa u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€74,179.30)

> Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' Konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

2. Rat li b'dikriet mogħti fil-11 ta' Lulju, 2018[1], din il-Qorti, kif kienet diversament presjeduta, awtorizzat lill-konvenuta tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha;

3. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fl-20 ta' Lulju 2018[2], li permezz tagħha hija eċċepit dan li ġej:

> 1.Ghandu jigi ppruvat li s-socjeta rikorrenti attrici pprestat u ezegwiet ix-xogholijiet ta' *blasting, galvanising u painting* fatturati permezz ta' fatturi migbura fi statement anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala Dokument A fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.
>
> 2. Ghandu jigi ppruvat il-ftehim li s-socjeta rikorrenti attrici tallega li sar bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta konvenuta dwar l-imsemmija xogholijiet u/jew provizzjonijiet, dwar ir-rati miftehma u allura applikabbli u dwar t-termini li kienu jirregolaw dan l-allegat rapport kuntrattwali u ta' xoghol.
>
> 3. Il-hlas ta' xi xogholijiet mis-socjeta konvenuta Unqiue Turnkey Limited ma jfissirx li dawk ix-xogholiet jew ix-xogholijiet kollha gew ipprestati u esegwiti fuq inkarigu tas-socjeta konevnuta Unique Turnkey Limited. L-ahjar prova li x-xogholijiet gew ipprestati u esgewiti mis-socjeta rikorrenti favur u ghak-kont tas-socjeta konvenuta, hija dokumentazzjoni li turi l-ordni ghax-xoghol maghmula u mibghuta mis-socjeta konvenuta u mahruga u iffirmata minn min huwa awtorizzat li johrog tali ordni.
>
> 4. Dan qieghed jinghand billi irrizulta lis-socjeta konvenuta li kienu saru xogholijiet mis-socjeta rikorrenti li ma kienux gew ordnati u awtorizzati mis-socjeta konvenuta u konsegwenza ta' dan is-socjeta konvenuta kienet hasset il-htiega li formalment tikteb lis-socjeta rikorrenti attrici sabiex din ta' l-ahhar ma teesgwix xoghilijiet u ma tformi ebda materjal jekk ma tkunx giet ipprovduta ordni ta' xoghol jew ta' provizzjoni ta' materjali iffirmata minn

[1] Fol.173.
[2] Fol.174.

rapprezentant tas-socjeta konvenuta. Dan ser jigi ppruvat f'dettal waqt is-smigh tal-kawza.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Semgħet ix-xhieda li ġew prodotti quddiemha;

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

7. Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża magħmula mill-attriċi sabiex tiġi kanonizzata bħala kreditur tal-konvenuta fis-somma ta' €74,179.30, li hi tgħid hija dovuta lilha għal «*xogħlijiet ta' blasting, galvanising u painting*» li għamlet lill-konvenuta fuq inkarigu tagħha[3]. Din is-somma hija bilanċ minn ammont akbar li kien dovut mill-konvenuta għall-istess ġeneru ta' xogħlijiet.

9. Min-naħa tagħha l-konvenuta tilqa' għat-talbiet tal-attriċi b'numru ta' eċċezzjonijiet li diġà ġew riprodotti aktar kmieni f'din is-sentenza. Fil-qosor, il-kontestazzjoni tal-konvenuta hija fis-sens illi l-parti l-kbira mix-xogħlijiet imwettqa mill-attriċi ma sarux fuq ordni tal-konvenuta iżda fuq ordni ta' persuna oħra li ma kellhiex is-setgħa li torbotha. Il-konvenuta tgħid li l-proċeduri tagħha dwar il-mod kif jiġi ordnat xogħol mingħand terzi bħall-attriċi ma ġewx segwiti, u għalhekk hija m'għandhiex obbligazzjoni li tħallas għal xogħol li sar bi ksur ta' dawk il-proċeduri.

10. Il-fatti rilevanti huma dawn.

11. L-ammont li jirrappreżenta l-bilanċ tal-kreditu li l-attriċi qed tippretendi f'din il-kawża twieled minn sensiela ta' xogħlijiet imwettqa mill-attriċi fuq medda ta' żmien. Fil-fatt,

[3] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alex Aquilina, a fol.169.

l-ammont reklamat mill-attriċi b'din il-kawża huwa rifless f'numru mhux żgħir ta' fatturi maħruġa minn żmien għal żmien[4]. Il-konvenuta kienet topera fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-finituri tal-proprjetà immobbiljari, u fl-eżerċizzju tal-kummerċ tagħha kienet sikwit tinkariga kuntratturi oħrajn sabiex iwettqu aspetti differenti mix-xogħlijiet li hija tkun ġiet inkarigata tagħmel minn ħaddieħor.

12. Alex Aquilina, direttur tal-attriċi, xehed li r-relazzjoni kummerċjali tal-kontendenti kienet mifruxa fuq medda ta' tliet snin, u f'dak il-perijodu qatt ma kien hemm oġġezzjoni min-naħa tal-konvenuta dwar rati, prezzijiet jew xogħlijiet[5].

13. L-attriċi tgħid li l-proċedura li dejjem tħaddmet bejn iż-żewġ kumpaniji kienet li kien ikellimha l-institur (*manager*) tal-konvenuta, li kien jismu Martin Dimitrov, li kien jordna x-xogħol tal-ħadid. Wara li jsir l-ordni, il-ħaddiema tal-konvenuta kienu jieħdu l-ħadid fil-fabbrika tal-attriċi. Meta jkun lest ix-xogħol, Aquilina kien jerġa jkellem lil Dimitrov sabiex il-ħaddiema tal-konvenuta jiġu mill-ġdid u jiġbru x-xogħol. Ftit jiem wara, l-attriċi kienet tiffattura lill-konvenuta[6].

14. L-attriċi tgħid li Martin Dimitrov kien responsabbli għat-tmexxija tal-konvenuta tant li miegħu kienet innegozjat ir-rati tagħha u mingħandu ħadet l-ordnijiet tax-xogħol[7]. Dan kollu, kompriżi l-ordnijiet, kienu jsiru verbalment[8]. Dimitrov xehed li huwa dejjem kien jagħmel l-ordnijiet fuq struzzjonijiet tal-instituri tal-konvenuta[9]. Huwa kien impjegat mal-konvenuta bħala *foreman*[10], għalkemm irriżulta wkoll li huwa kien institur fuq xogħlijiet tal-ħadid u allura kellu l-awtorità biex jagħmel ċertu ordnijiet[11]. L-institur ġenerali tal-konvenuta xehdet li l-konvenuta kienet tħalli f'idejn Dimitrov fejn kien jirrigwarda l-attriċi[12]. Skont ir-reġistrazzjonijiet miżmuma mill-aġenzija Jobsplus, Dimitrov kien impjegat bħala "welder" mal-konvenuta mill-21 t'April 2016 sat-28 ta' Marzu 2018[13].

---

[4] Eżebiti minn fol.9-153.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alex Aquilina, a fol.180.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alex Aquilina, a fol.181.
[7] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Alex Aquilina, a fol.207.
[8] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Alex Aquilina, a fol.208.
[9] Ara x-xiehda ta' Martin Dimitrov, a fol.224.
[10] Ara x-xiehda ta' Martin Dimitrov, a fol.227.
[11] Ara x-xiehda ta' Charlene Gravina, a fol.259, u mill-ġdid, a fol.279.
[12] Ara x-xiehda ta' Charlene Gravina, a tergo ta' fol.256.
[13] Fol.683.

15. L-attriċi tgħid li l-ammont fatturat u mhux imħallas baqa' jiżdied, u l-konvenuta ħallset biss is-somma ta' €22,300 minn ammont ferm akbar[14]. Għalhekk Aquilina kien ikellem lil Abdel Karim Ahmad, magħruf ukoll bħala Michael Costa (u minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala «Costa»), li qatt ma kkontesta l-ammont dovut u anzi kien jipprometti l-ħlas[15]. Meta l-ħlas baqa' ma sarx, l-attriċi nkarigat avukat. Aquilina xehed li saru bosta diskussjonijiet fejn il-konvenuta għamlet proposta ta' ħlas li ma ġietx aċċettata[16], u kellha tagħmel proposti oħrajn[17]. Il-ftehim baqa' ma seħħx u għalhekk saret din il-kawża[18].

16. Costa xehed li huwa kellu diżgwid mal-instituri tal-konvenuta dwar il-mod kif huma kienu qed jaħdmu. Huwa kien jinsisti li kull biċċa xogħol li tiġi ordnata mill-konvenuta għandha ssir bil-mezz ta' *purchase order* li jkun iffirmat u li jkollu wkoll riferenza tax-xogħol li qed jiġi ordnat u b'rabta ma' liema appalt tal-konvenuta dan l-ordni kien qed isir[19]. Huwa sostna li l-konvenuta kienet qed tispiċċa l-vittma ta' serq u delitti oħrajn minħabba l-mod kif kien qed jiġi ordnat ix-xogħol. Costa xehed ukoll li huwa ried li jsir arranġament bejn il-konvenuta u l-attriċi dwar il-mod kif jiġi ordnat ix-xogħol sabiex jinqata' l-abbuż, iżda l-laqgħa sabiex dan l-arranġament jiġi diskuss qatt ma saret[20]. Costa żied jgħid, fl-affidavit tiegħu, li meta huwa ġie muri rendikont tal-fatturi pendenti favur l-attriċi, huwa kellem lil Dimitrov u tah struzzjonijiet biex ma jordnax aktar xogħol jekk qabel ma jagħmilx kuntatt mal-uffiċċju tal-konvenuta[21]. Jgħid li f'dik l-epoka kien sar ħlas ta' €5,240.68 fi flus kontanti[22], liema ħlas però huwa kontestat mill-attriċi. Wara xi żmien, reġgħa rċieva rendikont ieħor li kien jinkludi fatturi oħrajn. F'dan il-punt, Costa kiteb direttament lil Aquilina biex jgħidlu li l-konvenuta ma kinitx se tħallas, u dan permezz ta' ittra elettronika datata 19 t'April 2017[23]. Jgħid li madanakollu l-fatturi min-naħa tal-attriċi baqgħu jinħarġu. Avviż simili reġgħa sar mill-

[14] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Kimberly Aquilina, a fol.193.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alex Aquilina, a fol.181, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Bernice Debono, a fol.195.
[16] Fol.185-186.
[17] Fol.190.
[18] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alex Aquilina, a fol.182.
[19] Ara x-xiehda ta' Michael Costa, a fol.232.
[20] Ara x-xiehda ta' Michael Costa, a fol.233.
[21] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michael Costa, a fol.700.
[22] Fol.716-717.
[23] Fol.723.

konvenuta fit-8 ta' Mejju 2018[24]. Hu jgħid li f'każ partikolari l-attriċi kienet għarfet li xi fatturi ma kienux jirrigwardaw xogħol li sar għall-konvenuta iżda fl-interess personali tal-impjegati tagħha, u dawk il-fatturi kienu ġew kanċellati[25]. Costa xehed ukoll li sar ħlas permezz ta' tpartit b'vettura bil-mutur li ma ġiex rifless fir-rendikont tal-attriċi[26], iżda waqt il-kontro-eżami tiegħu stqarr li ma kienx irrealizza li l-ammont ta' €22,300 kien tnaqqas mit-talba tal-attriċi[27]. Fl-affidavit tiegħu, Costa xehed li saret laqgħa ma' Aquilina li saħnet ħafna, u li fiha huwa kien iddikjara li l-attriċi kienet aċċettat ordnijiet verbali mingħand l-impjegati tal-konvenuta meta l-konvenuta kienet għamlitha ċara li l-ordnijiet kellhom isiru bil-miktub. Costa jgħid li s-sitwazzjoni kkalmat meta Aquilina ddikjara li l-attriċi kienet lesta li titħallas permezz ta' tpartit, u kien għalhekk li nkariga lil Charlene Gravina, institur ġenerali tal-konvenuta, sabiex tibgħatlu lista ta' proprjetajiet bil-prezzijiet relattivi[28].

17. Il-konvenuta tgħid li Martin Dimitrov, li kien impjegat tagħha, kien ukoll jaħdem għal rasu permezz tal-kumpanija "Valda 90 Ltd", tant li f'dik il-kapaċità kienet qabbditu biex jagħmel xogħlijiet f'sit ġewwa Bormla[29]. Irriżulta li kumpanija oħra affiljata mal-konvenuta, li jisimha Unique Construction Ltd, kienet ġiet inkarigata biex tagħmel xogħlijiet f'dan is-sit f'Bormla b'kuntratt tal-31 ta' Lulju 2017[30]. B'kuntratt tas-17 t'Ottubru 2017, il-konvenuta (li f'dik l-epoka kien jisimha Unique Construction & Developers Ltd[31]) qabbdet lil Valda 90 Ltd bħala subkuntrattur tagħha dwar l-istess appalt f'Bormla[32]. B'kuntratt ieħor tat-30 ta' Mejju 2018, Unique Construction Ltd, Valda 90 Ltd u l-kommittent tas-sit ta' Bormla ftehmu li l-appalt mogħti lill-kumpanija Unique Construction Ltd issa jitkompla minn Valda 90 Ltd[33]. B'danakollu s-subappalt mogħti lil Valda 90 Ltd kien jirrigwarda «*PVC and aluminium door and window frames and glazing*»[34], liema xogħol ma jsirx mill-attriċi[35].

---

[24] Fol.724.
[25] Fol.719.
[26] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Costa, a fol.700.
[27] Fol.782.
[28] Fol.725.
[29] Ara x-xiehda ta' Charlene Gravina, a fol.251-252.
[30] Fol.315.
[31] Ara x-xiehda ta' Charlene Gravina, a fol.334.
[32] Fol.300.
[33] Fol.285.
[34] Fol.301.
[35] Ara x-xiehda ta' Charlene Gravina, a fol.340.

18. Ingħad li Dimitrov kien qed jordna xogħol mingħand l-attriċi li huwa kien jeħtieġ bħala subkuntrattur tal-konvenuta, iżda kien qed jagħmel l-ordnijiet f'isem il-konvenuta meta l-ordnijiet kellhom isiru minn Valda Malta. Intqal ukoll li l-attriċi ma riditx taħdem bis-sistema ta' *delivery notes* u *purchase orders*, u l-konvenuta ma setgħetx toħroġ *purchase order* meta tagħmel l-ordni għaliex kienet tirċievi rendikont tal-fatturi mingħand l-attriċi kull seba' xhur, u ma kinitx tista' taqbad kaptu ta' liema fattura tirreferi għal liema xogħol. Ingħad ukoll li l-ordnijiet kienu qed isiru ad insaputa tal-konvenuta[36].

Ikkunsidrat:

19. Illi effettivament il-kwistjoni prinċipali bejn il-kontendenti hija jekk il-konvenuta hijiex obbligata li tħallas għal ordnijiet li saru minn Martin Dimitrov verbalment meta l-istruzzjonijiet tagħha kienu li dawn l-ordnijiet, u l-kunsinna tal-materjal relattiv, isiru bil-kitba.

20. Il-Qorti jidhrilha li t-tweġiba għal din il-kwistjoni tinstab fil-liġi li tirregola r-rappreżentanza fil-kummerċ. Kif osservat minn ***Troplong***: «*Avvi nel commercio frequentissimo uso del mandato. Ma il nome di mandatari o di procuratori, quantunque per nulla ignoto nel commercio, non è mica il più consueto, essendo il nome stesso assegnato più specialmente al diritto civile. Quello di preposto o di commissionario, è più in uso nel negozio e nel linguaggio de'mercanti*»[37].

21. Fil-fehma tal-Qorti, il-liġi tipprovdi għal ċirkostanzi fejn terz mhux direttur ta' kumpannija jiġi minn dik il-kumpannija inkarigat sabiex jagħmel amministrazzjoni f'isimha. F'dawk iċ-ċirkostanzi, dak imwettaq minn dak it-terz jivvinkola u jorbot lill-kumpannija, billi t-terz huwa kkunsidrat institur (*manager*) ta' dik il-kumpanija. Dan sakemm dak imwettaq minn dan it-terz, ma jkunx jikkostitwixxi xi att ta' amministrazzjoni straordinarja.

22. L-artikolu 57 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jispjega li: «*L-institur hu dak li jiġi inkarigat, persunalment u fil-fiss, mill-kummerċ jew minn linja ta' kummerċ tal-prinċipal f'post*

---

[36] Ara x-xiehda ta' Charlene Gravina, a fol. 257 u a tergo tal-istess folio.
[37] Del Mandato, della Fideiussione e delle Transazioni (Napoli, 1846), §58.

*jew f'postijiet partikolari*». Imbagħad l-artikolu 60 jgħid li: «*Il-prinċipal hu responsabbli għall-egħmil tal-institur u għall-obbligazzjonijiet li dan ikkuntratta fil-limiti tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li jkunu ġew imħollija f'idejh*».

23. Mill-provi li ġew prodotti ġie ripetutament affermat li Martin Dimitrov kien impjegat mill-konvenuta bħala *manager* – bil-Malti, institur. Ingħad espressament ukoll li huwa kellu l-awtorità li jagħmel ordnijiet u li l-konvenuta kienet tħalli f'idejh għal dak li jirrigwarda xogħol ta' ħadid. F'dan ir-rigward huwa rilevanti wkoll l-artikolu 59 tal-Kodiċi tal-Kummerċ:

> 59.(1) L-inkarigu mogħti lil wieħed biex jaġixxi ta' institur jista' jkun espress jew taċitu.
> (2) Fl-ewwel każ, jekk il-prinċipal ikun irid jagħmel limiti għas-setgħat mogħtija lill-institur b'mod li titnissel preżunzjoni li dawk il-limiti huma magħrufa mit-terzi, hu għandu jippreżenta fil-qorti l-waħda jew l-oħra msemmija fl-artikolu 55 nota li turi ħaġa b'ħaġa x'inhuma dawk il-limiti kollha u jfittex li dik in-nota tiġi mwaħħla fil-Borża tal-Kummerċ u maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvernu f'gazzetta oħra, jekk jista' jkun kummerċjali.
> (3) Fit-tieni każ, l-inkarigu mogħti lil wieħed biex jaġixxi ta' institur jitqies, għal quddiem it-terzi, li hu ġenerali u li fih jidħlu l-atti kollha li jagħmlu ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ u li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li għalihom ikun ġie mogħti lilu dak l-inkarigu, jekk il-prinċipal ma jippruvax li t-terzi kienu jafu bil-limiti ta' dak l-inkarigu fiż-żmien li għaqqdu n-negozju.

24. Is-setgħa tal-institur li jorbot lill-prinċipal tiegħu hija karatteristika li kienet kompriża fil-figura ġuridika tal-institur anki taħt il-Kodiċi tal-Kummerċ Taljan tal-1882. Kien fil-fatt osservat minn ***Vivante*** illi «*...quando siasi stabilita l'esistenza di un institore, il terzo che conclude con lui un affare che all'apparenza appartiene all'esercizio del commercio cui è preposto, può agire direttamente contro il preponente, amenochè questi non escluda la propria responsabilità provando che il terzo volle trattare nel particolare interesse dell'institore*»[38]. U l-istess ħsieb huwa miżmum fil-ġurisprudenza tal-Qrati Taljani. Kemm hu hekk, il-Qorti tal-Appell ta' Trani, fid-deċiżjoni ***Cosentino v. De Filippis*** (16 ta' Marzu 1908) irribadiet li: «*Il preponente è responsabile dei fatti*

[38] Trattato di Diritto Commerciale, Vol.I, §280.

*dell'institore e delle obbligazioni da lui contratte entro i limiti del commercio al quale è preposto; se il mandatario esorbita dal mandato, l'obbligazione da lui assunta deve ritenersi inefficace, poichè i terzi che contrattano con l'institore sono tenuti a non dimenticare l'obbiettivo della preposizione e l'indole del commercio al quale l'institore è preposto*»[39].

25. Skont il-liġi tagħna, il-mandat mogħti lill-institur huwa dejjem preżunt ġenerali, salv il-prova kuntrarja (ara f'dan is-sens ***Neg. Joseph C. Degiorgio ne vs. Margherita Rossi et***, Appelli Kummerċjali, 14 ta' Jannar 1938)[40]. Fil-kawża ***Emmanuele Micallef ne vs. Alfred Tonna*** (Appell Superjuri, 30 t'April 1951)[41], intqal hekk: «*Iżda minn dana kollu l-konvenut ma għamel xejn, għax ebda nota ma ppreżenta biex juri l-limitazzjonijiet ta' l-inkariku ta' l-institur. Għaldaqstant quddiem it-terzi persuni l-inkariku ta' Grima kellu jiġi kunsidrat bħala ġenerali, u ebda prova ma nġiebet biex turi li l-attur kien jaf li Grima ma kellux fakoltà jixtri bid-dejn b'mod li jtalla' kont ta' £37 u jdum ma jħallas tliet xhur u nofs. Anzi rriżulta li fuq din il-materja l-partijiet ma kienu tħaddtu qatt qabel. Fix-xiri bid-dejn u fid-dewmien ta' ħlas għal ftit xhur ma hemm xejn straordinarju għall-institur*». Prinċipju li japplika ugwalment anki f'każ fejn il-prinċipal tkun kumpannija, u mhux persuna naturali.

26. Riferenza ssir ukoll għad-deċiżjoni ***Martin Degiorgio noe vs. Joseph Grima noe*** (Appell, 12 ta' Frar 1996)[42] li fiha, il-Qorti qieset li l-kumpannija kienet vinkolata bix-xiri magħmul mill-institur tagħha ta' biljett tal-ajru, anki jekk dan l-akkwist sar minnu meta ma kienx espressament awtorizzat mill-bord tad-diretturi. Similment, fil-kawża ***Paul Pullicino vs. Raydavidson Distributors Limited*** (Prim'Awla, 1 ta' Lulju 2003) intqal:

> Is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda prova biex turi illi hija, bħala prinċipal ta' l-institur, kienet għamlet dak li trid il-liġi biex turi li s-setgħat ta' l-institur li jorbotha kienu limitati; għalhekk, kienu x'kienu r-relazzjonijiet interni bejn is-soċjetà konvenuta u l-institur tagħha, għandu jitqies illi, quddiem terzi, is-setgħat ta' l-institur kienu ġenerali, u

---

[39] Riferenza meħuda minn ***Navarrini*** u oħrajn, Prima Raccolta Completa della Giurisprudenza sul Codice di Commercio (Milano, 1916), Vol.II, Art.368, §9.
[40] Kollezz. Vol.XXX.i.589.
[41] Kollezz. Vol.XXXV.i.272.
[42] Mhux pubblikata.

hu seta' f'isem is-soċjetà konvenuta jagħmel l-atti kollha li jagħmlu ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ tagħha.[43]

27. Issa fil-każ odjern, ma saret ebda prova li twassal lill-Qorti biex tifhem illi Dimitrov ma kellux l-awtorità jordna xogħlijiet f'isem il-konvenuta. Anzi, kif ingħad, jirriżulta proprju l-kuntrarju. B'danakollu l-konvenuta tikkontendi li hija, f'ċertu żmien, avżat lill-attriċi biex ma tieħux aktar ordnijiet jekk dawn ma jsirux bil-miktub.

28. Skont l-awtoritajiet diġà ċitati, jekk it-terz ikun mgħarraf bil-limitazzjonijiet fil-mandat tal-institur, isegwi li dak it-terz ma jkollux jedd jippretendi mingħand il-prinċipal it-twettiq tal-obbligazzjonijiet assunti mill-institur. Naraw għalhekk jekk dan l-avviż ingħatax tassew mill-konvenuta.

29. Ix-xiehda mogħtija minn Costa, direttur tal-konvenuta, u minn Charlene Gravina, institur ġenerali tal-konvenuta, m'humiex wisq ċari f'dan ir-rigward, u anzi huma saħansitra kontradittorji f'ċertu rispetti. Costa, meta ġie prodott mill-attriċi bħala xhud tagħha, iddikjara li għalkemm ried jagħmel laqgħa mal-attriċi dwar il-mod kif jiġi ordnat ix-xogħol, qal li dik il-laqgħa ma nżammitx. Fl-affidavit tiegħu però jgħid li nżammet laqgħa li matulha d-diskussjoni saħnet. Gravina tgħid li bil-kliem qalu lil Aquilina biex ma jkomplix jieħu ordnijiet mingħajr *purchase orders*, iżda l-provi juru li ordnijiet baqgħu isiru.

30. Minkejja li ġew prodotti bħala xhieda tal-attriċi, kien biss meta huma għamlu affidavit bħala parti mill-provi tal-konvenuta li Costa u Gravina eżebew żewġ ittri elettroniċi li huma jgħidu li ntbagħtu lil Aquilina, direttur tal-attriċi, bl-avviż sabiex ma jibqax jieħu ordnijiet verbali f'isem il-konvenuta. L-ittra mibgħuta minn Gravina hija datata 8 ta' Mejju 2018, u b'hekk tiġi wara li kienu diġà saru x-xogħlijiet meritu ta' din il-kawża. Għalhekk dan l-avviż mhux rilevanti.

31. Hemm imbagħad avviż mibgħut minn Costa li huwa datat 19 t'April 2017[44]. Iżda dan l-avviż li suppost intbagħat qatt ma ġie muri lil Alex Aquilina, li b'hekk qatt ma kellu l-opportunità li jixhed dwaru. L-indirizz elettroniku ta' Aquilina mhux muri b'mod ċar,

[43] Fl-istess sens ukoll hija d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża ***Hydroelectric Limited vs. Geomike Limited et*** (9 ta' Ġunju 2014), li ġiet ikkonfermata fl-appell b'sentenza tat-3 ta' Ġunju 2016.

[44] Fol.758.

bil-konsegwenza li l-Qorti ma tistax tikkomparah ma' indirizzi elettroniċi oħrajn murija f'korrispondenza li ġiet eżebita minn Aquilina stess, u għalhekk il-Qorti m'għandhiex is-serħan tal-moħħ li dan l-avviż tassew intbagħat u li tassew wasal fejn kellu jasal.

32. Il-fatt li l-konvenuta ssostni li solitament kienet taħdem b'sistema ta' *purchase orders* bil-kitba mhux rilevanti, għaliex irriżulta b'mod ċar li din is-sistema qatt ma tħaddmet mal-attriċi. Għalhekk bejniethom ma kien hemm ebda prassi li nkisret, u lanqas ma jista' jingħad li l-eżistenza ta' din is-sistema kellha tikkostitwixxi limitazzjoni fuq is-setgħat ta' Dimitrov, la darba l-provi ma jurux li l-attriċi ġiet avżata kif imiss dwar tali limitazzjoni.

33. Aktar minn hekk però l-Qorti tara inkonsistenza f'din il-pożizzjoni li suppost ħadet il-konvenuta ma' fatti oħrajn li jirriżultaw b'mod ċar mill-provi li tressqu. B'mod partikolari, il-Qorti ma tistax tirrikonċilja din il-pożizzjoni tal-konvenuta – li effettivament tippresupponi li l-konvenuta kienet qed tgħid li kienet qed tinsteraq minn Dimitrov – mal-fatt li hija żammet lil Dimitrov fl-impjieg tiegħu u ma keċċitux. Mhux talli hekk, talli aktar tard f'dik l-istess sena, il-konvenuta afdat lil Dimitrov bis-subappalt fuq is-sit ta' Bormla. Dan apparti l-fatt li min qed jgħid li insteraq u m'għandux iħallas ordnijiet li ma sarux minnu ma jwiegħedx il-ħlas ta' dawk l-ordnijiet. Ir-raġunijiet miġjuba mill-konvenuta sabiex tispjega għaliex hija aġixxiet b'dan il-mod minflok ċaħdet għal kollox li tħallas dak pretiż mill-attriċi huma implawsibbli u m'għandhomx mis-sewwa.

34. Jekk il-konvenuta tassew dehrilha li l-ordnijiet mal-attriċi ma kienux qed isiru kif trid hi, hija kellha tkeċċi lil Dimitrov minnufih, u twaqqaf ukoll ir-relazzjoni kummerċjali tagħha mal-attriċi, la darba din issoktat fi prassi li suppost kienet avżata li l-konvenuta riedet twaqqaf. Il-fatt li l-konvenuta m'għamlet xejn minn dan kollu jimmina serjament il-kredibilità tad-difiża tagħha.

35. Ir-riżultanzi probatorji fuq imsemmija jwasslu lil din il-Qorti għall-fehma li l-ordnijiet li dwarhom l-attriċi qed tfittex il-ħlas tassew saru verbalment minn Dimitrov. Iżda la darba rriżulta (i) li Dimitrov kien inkarigat bħala institur tal-konvenuta, (ii) li l-ordnijiet magħmula minn Dimitrov kienu fil-linja ta' kummerċ afdata lilu mill-konvenuta, (iii) li l-attriċi ma ġiet avżata b'ebda mod legalment effettiv dwar limitazzjonijiet fil-mandat

mogħti lil Dimitrov, għandu jsegwi li l-konvenuta, bħala l-prinċipal ta' Dimitrov, hija responsabbli sabiex twieġeb għall-obbligazzjonijiet li dan assuma f'isimha.

36. Issa jekk hu minnu li Dimitrov kiser l-obbligazzjonijiet tiegħu ta' mandatarju, ir-rimedju tal-konvenuta huwa li ddur fuqu għal dak il-ksur (ara per eżempju ***Rinaldo Perini nomine vs. Emmanuele Laferla***, Kummerċ, 27 t'April 1882)[45]. Madanakollu dak il-ksur mill-mandatarju (u l-institur huwa forma ta' mandatarju) mhux raġuni sabiex il-mandant jeżimi ruħu mir-rabtiet li jkunu nħolqu ma' terzi. Huwa biss meta l-mandatarju jaġixxi <u>in eċċess</u> tal-mandat mogħti lilu li l-mandant ma jkunx obbligat b'dak magħmul minnu (ara per eżempju ***Giuseppe Mallia et vs. Walter Zammit Tabona et***, Prim'Awla, 4 t'April 1957)[46].

37. Fir-rigward tat-talbiet tal-attriċi, il-Qorti jidhrilha li dawn ġew ippruvati. L-attriċi eżebiet il-fatturi kollha relattivi għax-xogħol li tiegħu qed titlob il-ħlas, u ġie kkonfermat mix-xhieda tagħha li dan ix-xogħol sar. Il-provi juru wkoll li qatt ma kien hemm tilwima dwar il-kwalità tax-xogħol tagħha.

38. Ingħad mill-konvenuta li hemm ħlasijiet li saru minnha li mhux riflessi fil-kotba tal-attriċi. Ġie ċċarat li l-ħlas li sar bi tpartit ta' vettura huwa fil-fatt reġistrat[47]. Jifdal biss ħlas ta' €5,240.68 fi flus kontanti li l-konvenuta tgħid li sar minnha[48].

39. Huwa *ius receptum* illi l-prova tal-ħlas trid issir mid-debitur li jallegah. Il-prova miġjuba mill-konvenuta hija fattura bil-kliem "paid" miktuba fuqha. Ebda xhud min-naħa tal-attriċi ma ġie prodott biex jixhed dwar din l-"irċevuta". Fuq fatti simili, ingħad fid-deċiżjoni ***Wands Limited vs. William Dingli et*** (Appell Inferjuri, 8 ta' Jannar 2010):

> L-ewwel punt hu evidentement konferma tal-fatt illi kreditu kien hemm u dan għaf-favur tas-soċjetà attriċi appellata. Li jfisser, allura, skond il-prinċipju paċifiku tad-dritt in subjecta materia illi kien jaggrava fuq il-konvenuti-debituri li jagħtu prova ta' l-estinzjoni tiegħu permezz tal-pagament allegat. Kwantu għat-tieni punt, l-apprezzament valutattiv mit-Tribunal, ukoll fuq ir-rieżami minn din il-Qorti tal-

[45] Kollezz. Vol.IX.693.
[46] Kollezz. Vol.XLI.ii.967.
[47] Fol.782.
[48] Fol.716-717.

> provi attendibbli, hu sewwa indirizzat u ma kienx, u ma setax iwassal, konvinċentement, għall-prova tal-pagament u, allura, għall-effetti liberatorji mill-pretensjoni tas-soċjetà attriċi. Kif wisq tajjeb rikonoxxut mit-Tribunal fuq il-kriterju ta' l-attendibilita` u tal-verosimiljanza, dak iddikjarat mill-konvenut fl-Affidavit tiegħu u l-fattura minnu esebita bl-annotazzjoni "PAID" fuqha, ma setgħux, f'dawk iċ-ċirkustanzi, jassumu s-sens attribwit lilhom mill-appellanti tal-pagament sodisfattorju jew l-effett ta' l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Jikkonsegwi għalhekk illi lanqas it-tielet punt ma jista' jakkwista validita għax ukoll, bir-regoli tar-ripartizzjoni tal-piż tal-provi b'kollox ma kienx jinkombi fuq is-soċjeta` attriċi appellata li tati prova diretta tal-fatt negattiv illi l-ħlas ma sarx. Pjuttost, il-konċezzjoni ta' l-oneru tal-prova kienet tesiġi mingħand l-appellanti illi huma jagħtu sostenn, b'mod konvinċenti, inekwivoku u konklusiv, lill-asserit pagament li huma jgħidu li għamlu. Jibqa' l-fatt illi la għat-Tribunal, u lanqas għal din il-Qorti, ma insorġa mill-apprezzament tal-provi dak id-"dubju raġonevoli", avvanzat mill-appellanti, dwar jekk id-dejn ġiex saldat

40. Insenjament li huwa kondiviż minn din il-Qorti u li japplika ugwalment għall-każ odjern.

41. L-attriċi titlob ukoll l-imgħaxijiet kummerċjali. M'hemmx dubju li r-relazzjoni tal-kontendenti hija waħda kummerċjali, u għalhekk it-talba hija fondata. Madanakollu il-jum meta seħħew iċ-ċirkostanzi li magħhom l-artikolu 23Ċ tal-Kodiċi tal-Kummerċ jorbot il-bidu tad-dekorrenza tal-imgħaxijiet ma jirriżultax ċar mill-atti, u għalhekk il-Qorti se tkun qed tordna li l-imgħax jibda għaddej b'effett mit-8 ta' Marzu 2018, u ċjoè tletin jum wara d-data tal-aħħar fattura.

42. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

   i. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-attriċi billi din ġiet sorvolata fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2018;

   ii. tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;

iii. tilqa' t-tieni talba tal-attriċi u tiddikjara illi l-konvenuta għandha tħallas lill-attriċi s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf mija disgħa u sebgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€74,179.30) rappreżentanti xogħlijiet reżi u eżegwiti;

iv. tilqa' t-tielet talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf mija disgħa u sebgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€74,179.30), bl-imgħax dekorribbli mit-8 ta' Marzu 2018 sal-jum tal-ħlas effettiv;

v. tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru li l-attriċi preżentat kontestwalment mal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur